A.L. 298 ta' l-2003

ATT DWAR L-AVJAZZJONI ĊIVILI (ĊERTIFIKATI TA' OPERATURI TA' L-AJRU) (KAP. 218)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 11 u 12 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru), il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1991 dwar Drittijiet għal Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 191 ta' l-1991.

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"SKEDA

(Regolament 3)

1. Drittijiet għall-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru

Għall-ewwel ħruġ u għal kull ħruġ li jiġi wara ta' Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru, l-applikant għandu jħallas, skond il-piż totali massimu awtorizzat fit-tlugħ ta' l-itqal inġenju ta' l-ajru elenkat fiċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru, dawn id-drittijiet li ġejjien:

	L-ewwel ħruġ ta' Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru	Għal kull ħruġ ta' Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru li jiġi wara
jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat li ma jaqbizx 1500 kg.	Lm 300	Lm 150
jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat li jaqbeż 1500 kg imma mhux 4000 kg.	Lm 500	Lm 250
jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat li jaqbeż 4000 kg imma mhux 15,000 kg.	Lm 5,000	Lm 2,500
jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat		

li jaqbeż 15.000 kg imma mhux 50.000 kg.	Lm10.000	Lm 5.000

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat li jaqbeż 50.000 kg.	Lm20.000	Lm 10.000

Malli jagħmel applikazzjoni għall-ewwel ħruġ ta' Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru, l-applikant għandu jħallas pagament immedjat ta' 25% mid-dritt, liema pagament jintilef mill-applikant jekk l-applikazzjoni tigi rtirata.

2 Varjazzjoni ta' Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru

Malli jagħmel applikazzjoni għall-varjazzjoni f'Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru, l-applikant għandu jħallas id-dritt kif imiss għal kull varjazzjoni speċifika li tkun saret applikazzjoni dwarha kif hawn aktar 'l isfel indikat:

2.1 Żieda ta' tip jew tipi ta' inġenji ta' l-ajru ġodda ma' l-elenku ta' inġenji ta' l-ajru fiċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru-

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat li ma jaqbizx 1,500 kg.	Lm 150

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat li jaqbeż 1,500 kg imma mhux 4,000 kg.	Lm 250

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat li jaqbeż 4,000 kg imma mhux 15,000 kg. Lm 1,500

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat li jaqbeż 15,000 kg imma mhux 50,000 kg. Lm 3,000

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat jaqbeż 50,000 kg. Lm 8,000

2.2 Żieda ta' tip jew tipi ta' inġenji ta' l-ajru ma' dawk diġa` elenkati fiċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru-

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħola piż totali massimu awtorizzat tat-tlugħ li ma jaqbizx 1,500 kg. Lm 30

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat tat-tlugħ li jaqbeż 1,500 kg imma mhux 4,000 kg. Lm 50

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat tat-tlugħ li jaqbeż 4,000 kg imma mhux 15,000 kg. Lm 100

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat tat-tlugħ li jaqbeż 15,000 kg imma mhux 50,000 kg. Lm 150

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat tat-tlugħ li jaqbeż 50,000 kg. Lm 200

2.3 Tneħħija ta' inġenju ta l-ajru elenkat fiċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru-

Meta ssir applikazzjoni għat-tneħħija ta' inġenju ta' l-ajru elenkat fiċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru, l-applikant għandu jħallas dritt ta' Lm10.

2.4 Bidliet fl-arca ta' operazzjoni speċifikata fiċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru-

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat tat-tlugħ li jaqbeż 2,268 kg imma mhux 15,000 kg. Lm 100

jekk l-inġenju ta' l-ajru jkollu l-ogħla piż totali massimu awtorizzat tat-tlugħ li jaqbeż 15,000 kg. Lm 200

2.5 Awtorizzazzjonijiet operattivi speċifiċi-

(i) Inklużjoni ta' awtorizzazzjoni ta' Operazzjonijiet f'Kull Xorta ta' Temp, Kategorija Wieħed. Lm 200

(ii) Inklużjoni ta' awtorizzazzjoni ta' Operazzjonijiet f'Kull Xorta ta' Temp, Kategorija Tnejn. Lm 500

(iii) Inklużjoni ta' awtorizzazzjoni ta' Operazzjonijiet f'Kull Xorta ta' Temp. Kategorija Tlieta. Lm 2.000

(iv) Inklużjoni ta' awtorizzazzjoni ta' *Basic Area Navigation* Lm 500

(v) Inklużjoni ta' awtorizzazzjoni ta' Operazzjonijiet b'Żewġ Magni f'Firxa Estiża/ Operazzjonijiet b'Firxa Estiża Lm 2.000

(vi) Inklużjoni ta' awtorizzazzjoni ta' Separazzjoni Minima Vertikali Mnaqqsa. Lm 500

2.6 Oħrajn-

Għal kull varjazzjoni li ma tinsabx elenkata hawn qabel jitħallas dritt ta' Lm10 jew l-ispiża attwali ta' l-investigazzjoni li ssir mid-Direttur, skond liema tkun l-aktar għolja.".